MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 136/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa`)**
**Vs**
**George Francis Rodney Johnson Sacco**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat detentur tal-karta tal-identita` numru 312992(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, fit-13 ta' Ottubru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, jew ġiegħel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn taw dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, wiegħed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantaġġ mhux

xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaċi tagħmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iġiegħel lil dik l-istess persuna teżerċita dik l-influwenza;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Ottubru 2008, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħalef il-falz quddiem uffiċjal li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Marzu, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 17(h), 42(d), 185(1), 121A(1), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellat hati tal-ewwel tlett akkuzi biss li bl-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin, filwaqt li lliberatu mir-raba` akkuża stante li kif xehdet l-impjegata ta' Transport Malta, Beatrice Fenech, hija qatt ma tat gurament kif trid il-liġi u għalhekk ir-reat taħt l-artikolu 108 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma ssusistiex.

Finalment spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tkunx obduta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokha u tħassarha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mir-raba` imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u minflok issib ħtija fl-istess imputazzjoni, tirrevokha u tħassarha in kwantu tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u minflok timponi piena li tirrifletti s-sejbien ta' htija għar-rigward ta' l-imputazzjonijiet kollha, tikkonfermha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u ċioe':-

Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-elementi tar-reat ikkontemplat fir-raba` akkuża miġjuba kontra tiegħu, senjatament ir-reat kontemplat fl-artikolu 108(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi primarjament jigi sottomess illi dan ir-rikors ta' l-appell jirrigwarda biss il-liberatorja ta' l-appellat għar-rigward tar-raba` imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

Illi l-liġi tistipola biss il-forma tal-ġurament u mhux il-formalita' li għandha tiġi osservata. Il-formalitajiet ivarjaw skont il-persważjoni reliġjuża o meno ta' min ikun qiegħed jieħu l-ġurament. Per eżempju, filwaqt li l-Kattoliċi jbusu s-salib, il-Protestanti jmissu l-Bibbja, kif jagħmlu wkoll il-Musulmani bil-Ktieb tal-Koran, filwaqt li persuni li ma jemmnux ma jagħmlu ebda formalita' biex jesternaw l-intenzjoni tagħhom.

Illi dawn il-ġesti ma huma rikjesti mkien mil-liġi tagħna li kull ma tirrikjedi hu li persuna tissottoskrivi għall-forma tal-ġurament.

Illi l-ġurament meħud mill-appellat huwa wieħed validu u komplet ai termini tal-liġi u li kull falsita' fih tattira r-reat ta' ġurament falz.

Ikkonsidrat

**A. Id-Dritt tal-Appell tal-Avukat Ġenerali**

Ir-raba' imputazzjoni – dik dwar il-ġurament falz – iġġorr piena ta' priġunerija ta' tliet xhur massimu. Għalhekk hija ta' ġurisdizzjoni oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati u dwar din l-imputazzjoni – kieku kienet waħidha l-Avukat Ġenerali huwa limitat għal dawk is-seba' subinċiżi li jidhru fil-

paragrafu 413(1)(b). Issa, fosthom hemm is-subinċiż 413(1)(b)(iv)(i). Għal dan jinħtieġ enunċazzjoni tal-Liġi iżda l-Qorti tal-Maġistrati m'għamlet ebda enunċazzjoni tal-Liġi, liema enunċazzjoni, se mai, trid tkun ċara. (Ara: **Il-Pulizija versus Anthony Sammut 18 ta' Ġunju, 2001. Appelli Kriminali Inferjuri – Imħallef l-Onor.Dr.Vincent De Gaetano**).

Iżda l-Qorti fliet sewwa l-artikolu 413 tal-Kap 9 li għandu dan is-subinċiż (2) li qed jidher hawn taħt:

*(2) Meta sentenza tingħata dwar diversi reati u appell taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu ta' qabel dan, jew taħt xi liġi oħra,ikun jista' jsir dwar xi wieħed minn dawk ir-reati, appell ikun jista' jsir dwar kull wieħed minn dawk ir-reati l-oħra li jkunu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura taħt l-artikolu 370(1) u li jkollu x'jaqsam ma' dak ir-reat.*

*Reati jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin meta –*

*(i) il-fatti tar-reati jkunu sostanzjalment l-istess; jew*
*(ii) reat ikun serva bħala mezz għall-għemil ta' reat ieħor; jew*
*(iii) il-prova ta' reat jew ċirkostanza tiegħu jkun jolqot mal-prova ta' reat ieħor jew ta' ċirkostanza tiegħu.*

Eżami tal-imputazzjonijiet li kienu dedotti kontra l-imputat juri biċ-ċar li t-tielet imputazzjoni – dik ta' dikjarazzjoni falza taħt l-artikolu 188 tal-Kap 9 – għandha l-istess fatti li għandha r-raba' imputazzjoni – ġurament falz.

Skont is-subinċiż (2) tal-artikolu 413 tal-Kap 9, la l-Avukat Ġenerali **seta' jappella** dwar dwar it-tielet imputazzjoni, ġaladarba l-fatti tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni huma l-istess, huwa seta' jappella wkoll mir-raba' imputazzjoni u mhux marbut aktar bil-limiti tal-artikolu 413(1)(b). Kieku kien mod ieħor, is-sub-paragrafu (2) tal-artikolu 413 tal-Kap 9 kien ikun superfluwu.

**B. X'ġara fil-fatt.**

Meta xehdet Beatrice Fenech (fol 16), l-uffiċjal inkarigata milli tagħti l-ġuramenti, kkonfermat kif jittieħed il-ġurament. Hija qalet li titlob lill-individwu l-karta tal-identita', tagħtih l-affidavit, jiffirmah, u hi torħoġ il-liċenzja skont id-dettalji li jkun hemm fis-sistema. Id-detallji tal-affidavit timlihom hi u l-persuna jiffirma quddiemha.

Waqt ix-xhieda, il-Prosekuzzjoni staqsiet lil Beatrice Fenech għaliex hija kienet iffirmat li ħalef quddiemha meta ma kenitx tatu l-ġurament. Hija qaltlu li dik kienet il-proċedura u hekk kienu għallmuha. (fol 16) Hi qalet li kienet taf xi tfisser 'taħlef' – 'kif għamilt jiena qabel ma tjt ix-xhieda tiegħi.' Hija qalet li ma kentix imxiet b'dan il-mod meta ġew in-nies quddiemha.

Fil-proċess hemm dokument intitolat 'AFFIDAVIT' b'ittri kbar, in-numru tiegħu 27900 u wara li hemm dettalji tal-appellat jingħad hekk:

'*bil-ġurament niddikjara illi*

*(c) li tlift il-liċenzja tas-sewqan tiegħi kategorija A+, B, C1, CHE, C, C+E*

Fl-aħħar tidher il-firma tal-appellat, li hija kaligrafija differenti minn dik fejn hemm mimli l-vojt fil-parti ta' fuq, in-numru tar-riċevuta u n-naħa t'isfel timbru b'dan il-kliem:

ADT Licensing and Testing Directorate 13 t'Ottubru 2008 Beatrice Fenech u fuqu firma tal-uffiċjal li xehed.

'L isfel hemm dan il-kliem:

'Maħluf/dikjarat solennement quddiemi fid-Direttorat tal-Liċenzji u t-Testijiet, il-Furjana.

Firma u timbru tal-kummissarju b'setgħa li jagħti l-ġurament.'

**Ċ Punt ta' Liġi**

**Xi jfisser l-għoti tal-ġurament.**

X'jgħid l-artikolu 108(1)(b) tal-Kap 9:

Ġurament falz.

*108. (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef,maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;*

*(b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.*

*(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti Promissorji.*

It-test Ingliż jgħid hekk: *'shall make a false oath.'*

Fin-noti tiegħu l-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk:

L-elementi tar-reat li llum jidher fl-artikolu 108(1) (b) tal-Kap 9 huma:

*'(i) a false statement;*
*(ii) wilfully made*
*(iii) On oath*
*(iv) Before a person authorised by law to administer oaths.*

*With regard to the second element which constitues the intentional element of the crime it is necessary that the person making the statement should have the full consciousness of perverting the truth.*

*The material element of the crime is the false statement <u>on oath.</u> (Underlining tal-Professur Mamo). The oath,being an appeal to Deity to be witness of that which is asserted creates a religious bond which is effectual only*

*for those, who having a religious persuasion, see in it a binding obligtion on their conscience. Our law makes provision for the taking of an oath by persons who do not belong to the Roman Catholic Church. The solemn declaration or affirmation of any person authorised by law to make a declaration or affirmation in lieu of taking an oath has the same effects as regards the punishment as if the person making the declaration or affirmation had been lawfully sworn.*

*The oath must be <u>lawfully</u> (underlining tal-Professur Mamo) administered, that is in the form and with the ceremonies which the law itself prescribes and by a person who is authorised by law to administer oaths. '*

L-abbli Prosekutur isemmi għadd ta' artikoli ( tnejn fil-kap 9 - 612 u 632 u ħamsa fil-Kap 12 – 10, 60, 80, 86 u 112) li jistupulaw xi kliem irid jingħad minn min qed jaħlef. Ma' dawn wieħed irid iżid il-forom li hemm fit-Tieni Skeda tal-Kostituzzjoni meta persuna tinħatar President jew Prim Ministru ta' Malta. Dawn tal-aħħar it-tnejn għandhom alternattiva 'solemnly swear / affirm.'

Min-naħa l-oħra l-artikolu 612 tal-Kap 9 huwa dwar il-ġurament li jieħdu l-ġurati jgħid hekk:

*'Fil-**ġurament** tal-ġurati għandha titħares din il-formula: Ir-reġistratur idur lejn il-ġuri u jgħid: Intom taħilfu u twiegħdu quddiem Alla u l-bnedmin li teżaminaw bir-reqqa kollha l-akkużi li jinġiebu kontra A. B.; li ma tqarrqux la l-interessi tal-akkużat u lanqas dawk tar-Repubblika ta' Malta li f 'isimha dak hu akkuzat;li, mingħajr permess tal-Qorti, ma tikkomunikaw ma' ħadd sakemm tagħtu l-verdett tagħkom; li ma tħallux jagħmlu bikom il-mibegħda jew il-ħażen, lanqas il-biża', jew il-ġibda tal-qalb; li tidde`idu fuq l-akkużi u fuq id-difiża, kif tgħidilkom ruħkom u kif tħossu ġewwa fikom, bla ma żżommu ma' ħadd u b'fehma qawwija kif jixraq lil nies onesti u ħielsa. Hekk Alla jgħinkom. **Wara dan kull wieħed mill-ġurati jieħu l-ġurament.'***

Dan l-artikolu tal-Kap 9 juri li l-kelma 'ġurament', kif użata fuq nett tal-artikolu, tfisser l-użu ta' formola stabbilita fl-istess artikolu **u** li ssir xi ħaġa **wara** li tinqara l-formola. F'dan il-każ uffiċjal tal-Qorti jdur bis-salib **u l-ġurati jbusu s-salib wieħed wara l-ieħor wara li jkunu segwew il-formola waqt li jkun qed jaqrha r-Reġistratur.**

Huwa tassew, li kif qal tajjeb l-Avukat Ġenerali, jekk wieħed jeżamina l-artikoli l-oħra kemm l-artikolu 632 tal-Kap 9 kif ukoll il-ħames artikoli l-oħra tal-Kap 12 ser isib formoli skont iċ-ċirkostanzi tal-każ - sew jekk qed jinħatar imħallef (artikolu 10), Reġistratur fil-Qorti (artikolu 60)[1], avukat[2] (Artikolu 80) jew prokuratur legali [3](Artikolu 86) kif ukoll x'formola għandha titntuża **u kif għandu jaħlef** meta jixhed xi xhud f'kawża ċivili (ara l-artikoli 111 u 112 hawn taħt):

*'111. Ix-xhud li jistqarr ir-reliġjon Kattolika Rumana għandu* ***jaħlef*** *kif hi* ***d-drawwa*** *ta' dawk li huma ta' dik ir-reliġjon; u x-xhud li ma jistqarrx dik ir-reliġjon għandu jaħlef bil-mod li huwa jidhirlu illi hu l-akbar rabta għall-kuxjenza tiegħu.*

*112. (1) Ix-xhieda u kull min għandu jieħu ġurament, għandu jaħlef li jgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa."*

Skont l-Avukat Ġenerali l-formola hija biżżejjed. Il-bews tas-salib jew li wieħed iqiegħed idejh fuq il-Koran mhux neċessarju. U jekk wieħed jeżamina xi definizzjonijiet li jfissru l-kelma 'ġurament' wieħed jinduna li dawn ma jagħtux dettalji tal-formalitajiet. Iż-żewġ definizzjoniet li ġejjin huma eżempji ta' dan:

---

[1] Dan irid jieħu ġurament ta' lealta' (10) u dak tal-kariga (60). Dan tal-aħħar skont il-formola li ġejja:
'Jiena……naħlef li nagħmle bil-ħaqq u bis-sewwa u bir-reqqa kollha d-dmirijiet ta' Direttur Ġenerali/Reġistratur milli aħjar li nista' u li naf, u bl-aħjr ħila tiegħi. Hekk Alla jgħini.'
[2] Dan ukoll jieħu żewġ ġuramenti – ta' lealta' (10) u tal-kariga (80).
[3] Dan ukoll jieħu żewġ ġuramenti – ta' lealta' (10) u tal-kariga (86).

**(i) ‘a.** A solemn, formal declaration or promise to fulfil a pledge, often calling on God, a god, or a sacred object as witness.

**b.** The words or formula of such a declaration or promise.

**c.** Something declared or promised.’[4]

(ii) ‘Oath: A solemn declaration or undertaking (often naming God) as to the truth of something or as a commitment to future action.’[5]

Prattiċi f’pajjiżi oħra juru għaliex isiru ċerti ċeremonji iżda ma jfissrux li ċ-ċeremonji huma indispensabbli kif turi s-silta li ġejja.

‘A person taking an oath indicates this in a number of ways. The most usual is the explicit "I swear," but any statement or promise that includes "with * as my witness" or "so help me *," with '*' being something or someone the oath-taker holds sacred, is an oath. Many people take an oath by holding in their hand or placing over their head a book of scripture or a sacred object, thus indicating the sacred witness through their action: such an oath is called *corporal*. However, the chief purpose of such an act is for ceremony or solemnity, and the act does not of itself make an oath.

In Western countries, it is customary to raise the right hand while swearing an oath, whether or not the left hand is laid on a Bible or other text. This custom originated during the Medieval period when convicted felons were often branded on the palm of the right hand with a letter or mark indicating their conviction. Since felons were disqualified from making declarations under oath, an oath-taker would display their right hand to show that they were free of convictions and therefore able to take an oath.’[6]

---

[4] Free Online Dictionary
[5] The Concise Oxford Dictionary 1991.
[6] Oath – Wikipedia.

Id-Difiża ma qablitx mal-argument tal-Avukat Ġenerali. L-abbli difensur ssottometta li mhux biżżejjed li wieħed jingħata formola tal-ADT, jiffirma fuq il-formola u daqshekk biżżejjed. L-abbli difensur issottometta li l-ewwelnett ma saritx il-prova li l-uffiċjal kellu s-setgħa li jagħti l-ġuramenti u t-tieni wieħed għandu jżomm id-dinjita' tal-ġurament. Jekk m'hemmx il-formaliżmu tneħħi dak li huwa solenni. Il-mod kif kien qed jirraġuna l-Avukat Ġenerali kien qed iġib inċertezza fil-Liġi u allura hemm dubju dwar l-intenzjoni li wieħed iwettaq ir-reat – 'il mens rea hija vvizzjata.' Ma jistas ikollok persuna maħtura Imħallef li jiffirma biċċa karta biss mingħajr ma jieħu l-ġurament.

**D. Liġijiet Oħra Relevanti.**

Minkejja li saru referenzi għall-Kap 9 u 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, l-aktar li huma relevanti huma l-kap 79 – 'L-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament' u l-Kap 245 'L-att Dwar id-Dikjarazzjonijiet.

Fl-artikolu 2 tal-Kap 79 insibu hekk:

'F'din l-Ordinanza, kemm-il daba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, 'ġurament', 'jaħlef' u 'affidavit' jinkludu, fil-każ ta' persuni li jistgħu b'xi liġi jaħgmlu dikjarazzjoni jew twettiq minflok ma jieħdu ġurament,dikjarazzjoni jew twettiq.'

Imbagħad l-artikolu 5 jgħid x'inhuma d-dmirijiet tal-Kummissjunarji. Dan l-artikolu jgħid hekk:

'Kull Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament għandu, qabel ma jagħti l-ġurament, jissodisfa ruħu mill-identita' tal-eprsuna li qed tieħu l-ġurament u **li dik il-persuna tifhem sewwa dak li tkun ser taħlef.'**

Imbagħad l-artikolu 9 tal-Ordinanza jagħti setgħa lill-Minsitru responsabbli għall-ġustizzja li jagħmel

regolaemnti biex jistabilixxi l-forma u l-mod li fihom ħandu jingħata l-ġurament.

Il-Kap 245 – Att dwar id-Dikjarazzjonijiet daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 1974 u fl-artikolu 2 jipprovdi għal dawk l-okkażjonijiet meta xi liġi jkun provdut li jittieħed ġurament u dik il-persuna toġġezzjona li tingħata l-ġurament u tagħti bħala r-raġuni għall-oġġezzjoni tagħha li m'għandhiex twemmin reliġjuż jew li t-eħid tal-ġurament huwa kontra t-twemmin reliġjuż tagħha, jew li għandha oġġezzjoni tal-kuxjenza biex tieħu ġurament. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-persuna titħalla tagħmel dikjazzjoni solenni (dikjarazzjoni) minflok li tieħu ġurament.

Dikjarazzjoni li ssir minflok ġurament għandha tkun fl-istess forma bħal-ġurament li ssir minfloku, iżda minflok il-kliem 'naħlef', 'niddikjara bil-ġurament' jew kliem ieħor li juri t-teħid tal-ġurament, għandhom jidħlu l-kliem 'niddikjara solennement' u l-kliem 'hekk Alla jgħini', jekk jinsabu fil-forma tal-ġurament għandhom jitħallew barra. (Ara artikolu 3 tal-Kap 245).

**E. Il-Liġi u l-Prattika f'Malta**

Qatt ma saru regolamenti taħt il-Kap 79 li jirregolaw kif jingħata l-ġurament mill-Kummissjunarji. L-uniċi żewġ Avviżi Legali li jaqgħu taħt dan il-kap jirregolaw affarijiet oħra.

Fl-assenza ta' regolamenti speċjali il-prattika ta kif jingħata l-ġurament jew kif tingħata d-dikjarazzjoni solenni turi li kien segwit dak li jipprovdi l-artikolu 111 tal-Kap 12. Jekk wieħed ser jaħlef, dak li jistqarr ir-reliġjon Kattolika Rumana **jaħlef** kif hi **d-drawwa** ta' dawk li huma ta' dik ir-reliġjon; u dak ma jistqarrx dik ir-reliġjon għandu jaħlef bil-mod li huwa jidhirlu illi hu l-akbar rabta għall-kuxjenza tiegħu. Prattika kostanti turi li meta wieħed li jistqarr ir-reliġjon Kattolika jieħu ġurament għal xi raġuni jew oħra, dan allura fl-aħħar ser ibus is-salib, jew iqiegħed idejh fuq il-Bibbja. Jekk wieħed iħaddan l-Islam dan iqiegħed idu fuq il-Koran. Min-naħa l-oħra jekk wieħed

ser jer jagħmel dikjarazzjoni solenni ma jagħmel xejn minn dan.

Fil-kuntest Malti hemm dawn il-fatturi li wieħed irid iqis:

(a) Persuni mlaħħqin f'xi kariga importanti jbusu s-salib wara li jaqraw il-formola dettata mil-liġi skont il-kariga. Jekk m'għandhomx twemmin jagħmlu dikjarazzjoni solenni. Rajna Presidenti u Prim Ministri, Maġistrati u Imħallfin ibusu s-salib wara li jkunu iffirmaw il-ġurament tal-ħatra u mhux iffirmawh biss.

(b) L-artikolu 612 tal-Kap 9 – jiġifieri dak li jittratta dwar il-ġurament tal-ġurati - juri b'mod l-aktar ċar li l-qari tal-formola mhux biżżejjed <u>iżda li kull ġurat irid jieħu l-ġurament.</u> Dawn ibusu s-salib sakemm ma jkunx hemm minnhom min irid jagħmel dikjarazzjoni solenni.

(ċ) Il-Professur Mamo jinsisti:

*'The oath must be lawfully administered, that is in the form and with the ceremonies which the law itself prescribes and by a person who is authorised by law.'*

Mela l-Professur Mamo **imkien** ma jgħid li jekk wieħed jiffirma formola li fiha jkun hemm miktub 'Jien naħlef' u xi ħadd jittimbra fuqha, allura l-ġurament ikun ngħata.

Mir-regolament 5 tal-Kap 79 joħroġ ċar li l-Kummissjunarju mhux biss irid jiżgura ruħu mill-identita' iżda jrid <u>***jara wkoll li dik il-persuna tifhem sew dak li jkun ser jaħlef.***</u>

Għalhekk il-konklużjoni tal-Qorti hija li l-ġurament imur 'il hemm minn sempliċi formola ta' kliem li fiha 'Jien naħlef' / Jien niddikjara solennement u firma fuq karta. Jinħtieġ li l-ġurament tassew ikun amministrat u l-amministrazzjoni tiegħu tmur 'l hemm mis-sempliċi formola u timbru. Il-persuna inkarigata trid jew taqra t-test hi stess, jew tisma' 'l min qed jieħu l-ġurament / qed jagħmel dikjarazzjoni solenni jaqra t-test u wara , jekk ma jkunx għamel dikjarazzjoni solenni biss, ibus is-salib jew waqt il-qari tat-test tal-ġurament ipoġġi idejh fuq il-Bibbja jew il-Koran.

Jekk wieħed jagħmel dikjarazzjoni solenni l-persuna li qed tamministra l-ġurament għandha tispjega u turi bil-fatti li din id-dikjarazzjoni hija waħda speċjali u li titlob minn dak li jkun impenn mhux tas-soltu. Għandha tiżgura li l-persuna li qed tagħmel id-dikjarazzjoni fehmet sewwa dak li tkun ser taħlef u, jew taqra hi stess bil-mod id-dikjarazzjoni solenni jew tisma' lil persuna taqrha ad alta voce.

**Kemm fil-ġurament u kemm fid-dikjarazzjoni solenni, il-persuna inkarigata għandha d-dmir li tfiehem lil min qiegħed jagħmel dawn l-atti s-serjeta' tal-mument speċjalment jekk tintebaħ li dawn l-atti qed isiru b'ċertu leġġerezza.**

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li l-firma fuq formola hija biżżejjed biex ikollok il-ġurament. Din tista' tammonta għal dikjarazzjoni jew stqarrija falza. Ta' dan l-appellat diġa' nstab ħati taħt it-tielet imputazzjoni. Iżda altru stqarrija falza u altru ġurament falz.

Il-fatt li diversi artikoli, ċitati mill-Avukat Ġenerali b'approvazzjoni, jsemmu l-formola tal-kliem biss huwa biss prova li l-Leġislatur fittex il-kliem addattat skont iċ-ċirkostanza fejn qed issir xi ħatra iżda ma jfissirx li l-ġurament jew id-dikjarazzjoni solenni jieqaf/ tieqaf hemm.

Jekk nargumentaw li l-formola hija biżżejjed inkunu qed immorru kontra l-artikolu 111 tal-Kap 12 u prattika kostanti ta' kif jingħata l-ġurament kemm fil-Qorti kif ukoll fid-dipartimenti tal-gvern, fl-ambaxxati ta' Malta, jew entititajiet oħra statali. Il-poplu jafha sew din il-prattika. Għalhekk huwa inutli li nirreferu għal-liġijiet barranin għax dawn mhux bilfors jinkludu xi att estern bħalma huwa l-bews tas-salib, it-tqegħid tal-id fuq il-Bibbja jew fuq il-Koran meta jkun qiegħed jittieħed il-ġurament kemm waqt proċeduri fil-Qorti kif ukoll meta l-ġurament jingħata f'xi post ieħor u għal skopijiet oħra.

Il-formoli huma importanti għax iħaffu x-xogħol kemm jista' jkun, ikunu addattati għaċ-ċirkostanzi u jagħti wkoll ċerta

uniformita' fejn ikunu qed jilqgħu għall-ħtiġijiet identiċi. Iżda l-uffiċjal inkarigat m'għandux ikun soddisfatt li wieħed iffirma, ħallas u telaq 'il barra qisu qatt ma ġara xejn. Huwa importanti li l-uffiċjal inkarigat ikollu personalita' qawwija biżżejjed li fejn hemm bżonn iwissi lil dak li jkun dwar ilp-kontenut li jkun qed jinħalef jew jiġi dikjarat solennement u l-konsegwenzi ta' affidavit li jkun falz. Imbagħad, wara din l-ispjegazzjoni jew twiddiba. min jagħmel l-affidavit jiffirma u jbus is-salib (f'każ ta' ġurament). **Din hija l-vera amministrazzjoni tal-ġurament.**

**F. Applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għal dan il-każ.**

Jekk wieħed japplika l-prinċipji għal dan il-każ wieħed jinnota dan li ġej:

(i) Ir-raba' vers tal-Affidavit fih biss 'bil-ġurament niddikjara' meta għandu jkun hemm ukoll l-alternattiva l-oħra 'jiddikjara solennement' u waħda minn dawn l-alternattivi **għandha tinqata'** biex turi l-persuna ħalfitx jew għamlitx dikjarazzjoni solenni.

(ii) Fl-aħħar tal-formola fejn hemm il-kliem 'Maħluf/dikjarament solennement' ebda waħda minn dawn l-alternattivi m'hija maqtugħa. B'hekk ma nafux x'għamel eżatt l-appellat. [7]

(iii) M'hemmx ukoll il-kelmiet 'iffirmat quddiemi.' Lanqas biss nafu l-firma hix tal-persuna li qed tieħu l-ġurament ħlief b'mod indirett għax il-firma li hemm fuq in-numru tal-ID Card tal-imputat fl-istqarrija tiegħu (Ara fol 12 u 13) tixbah ħafna lil dik li hemm fuq l-affidavit. Iżda għal dan, strettament nitkellmu, kellu jinħatar espert. (Ara stqarrija a fol 11). Dan l-appellat qal fl-istqarrija li jaghraf il-firma tieghu.

[7] Kap 245 regolament 5(2): 'Riferenzi f'kull liġi għal 'maħluf', 'dikajrat bil-ġurament', 'konfermat bil-ġurament', 'verifiakt bil-ġurament' jew frażijiet bħal dawn li juru t-teħid ta' ġurament dwar xi dikjarazzjoni, att jew kitba, meta ssir id-dikjarazzjoni minflok ġurament taħt dan l-Att, għandhom ikollhom l-effett u għandhom jinftehmu skont hekk.'

(iv) Mix-xhieda ta' Beatrice Fenech jirriżulta li din tatu 'affidavit' biex jiffirmah. Ma għamlet xejn aktar minn hekk lanqas tat lill-appellat is-salib biex ibusu u lanqas ma jirriżulta li hija fehmet lill-appellat is-serjeta' ta' dak li qed jagħmel.

(v) Għal dik li hija kwistjoni dwar il-prova li kellha tinġieb biex turi li Beatrice Fenech kienet inħatret sabiex tagħti l-ġurament, il-Qorti hija tal-fehma li min jitla' jixhed dwar x'isir waqt l-għoti tal-affidavits huwa preżunt li hu uffiċjal inkarigat għalhekk. Il-ħatra ta' dawn il-persuni toħroġ fil-gazzetta tal-Gvern b'isimha jidher kemm fil-verżjoni bl-Ingliż kif ukoll fil-verżjoni bil-Malti. Barra minn dan meta Beatice Fenech kienet mistoqsija mill-Prosekuzzjoni kellhiex is-setgħa li tagħti l-ġurament, hija wieġbet li kellha (ara fol 33 tal-proċess). Għalhekk il-Qorti ma jidhirlhiex li kien neċessarju li jinġieb id-dokument tal-ħatra jew il-prova li hija uffiċjal pubbliku. Huma uffiċjali pubbliċi biss – oltre xi eċċezzjonijiet bħalma huma n-nutara jew persuni li jaħdmu barra minn Malta – li jistgħu jinħatru bħala Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu l-ġurament. Għaldaqstant il-Qorti mhix tilqa' din is-sottomissjoni tad-difiża.

**G. Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddeċiedi li m'hemm ebda raġuni għala għandha tiddisturba d-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-4 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet premessi għaliex d-deċiżjoni kienet waħda li setgħet legalment u raġjonevolment tasal għaliha. Dan għaliex l-affidavit mogħti lill-appellat ma kienx amministrat skont il-Liġi. Konsegwentement il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------